



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

13 ta' Ottubru 2021 *

“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Proċeduri dixxiplinari – Sospensjoni tal-proċedura ta' invalidità matul il-proċedura dixxiplinari – Tneħħija minn pożizzjoni – Proċedura ta' invalidità li ma għadx għandha skop wara t-tneħħija minn pożizzjoni – Rikors għal annullament – Att li jikkawża preġudizzju – Ammissibbiltà – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Dmir ta' premura – Żball manifest ta' evalwazzjoni”

Fil-Kawża T-22/20,

IB, irrappreżentat minn N. de Montigny, avukata,

rikorrent,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn A. Lukošiūtė, bħala aġent, assistita minn B. Wägenbaur, avukat,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2019 sa fejn, minn naħa, din timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni tat-tneħħija mill-pożizzjoni mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għal pensjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, din tagħlaq definittivament il-proċedura ta' invalidità ta' dan tal-aħħar,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, N. Póltorak u M. Stancu (Relatriċi), Imħallfin,

Reġistratur: P. Cullen, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tad-9 ta' Marzu 2021,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza¹

[omissis]

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 22 Permezz ta' att sottomess fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Jannar 2018, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.
- 23 Permezz ta' att separat tas-16 ta' Jannar 2020, ir-rikorrent talab il-benefiċċju tal-anonimat kif ukoll l-ommissjoni ta' ċertu tagħrif li jingħata lill-pubbliku, konformement mal-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. L-anonimat ingħatalu fit-30 ta' Marzu 2020.
- 24 L-EUIPO ssottometta r-risposta fis-26 ta' Marzu 2020.
- 25 Ir-rikorrent issottometta r-replika fl-20 ta' Lulju 2020.
- 26 Il-fażi bil-miktub tal-proċedura ngħalqet wara s-sottomissjoni tal-kontroreplika fl-1 ta' Settembru 2020.
- 27 L-EUIPO u r-rikorrent talbu, rispettivament fid-9 u fit-22 ta' Settembru 2020, iż-żamma ta' seduta bis-saħħa tal-Artikolu 106 tar-Regoli tal-Proċedura.
- 28 Fid-29 ta' Jannar 2021, il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) iddeċidiet, bis-saħħa tal-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, li tagħmel lir-rikorrent mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub, li ġew imwiegħa minnu fit-terminu mogħti.
- 29 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2021.
- 30 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:
 - tannulla d-deċiżjoni kkontestata “sa fejn din tneħħih mill-pożizzjoni [tiegħu] [...] u tagħlaq definittivament kull rabta ta' impjeg miegħu, inkluż il-konsegwenza tagħha fir-rigward tal-għeluq definittiv tal-proċedura ta' rtirar minħabba invalidità”;
 - tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.
- 31 Fir-replika, ir-rikorrent jitlob ukoll li l-Qorti Ġenerali titlob, jekk ikun il-każ, mingħand l-EUIPO rendikont statistiku tad-deċiżjonijiet u tas-sanzjonijiet adottati minnu fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinari mmexxija kontra l-persunal tiegħu.
- 32 L-EUIPO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:
 - tiċċad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

¹ Huma riprodotti hawnhekk biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li huma xierqa għall-pubblikazzjoni.

Id-dritt

Fuq is-suġġett tar-rikors u fuq l-ammissibbiltà tiegħu sa fejn dan jirrigwarda l-għeluq definittiv tal-proċedura ta' invalidità

- 33 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tar-rikors, għandu jiġi ppreċiżat qabel kollox is-suġġett tiegħu, peress li l-partijiet ma jaqblux fuq dan il-punt.
- 34 Kif jirriżulta mill-punt 30 iktar 'il fuq u mir-rikors, ir-rikorrent jitlob, essenzjalment, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata mhux biss sa fejn din tneħħih mill-pożizzjoni tiegħu, iżda wkoll sa fejn din tagħlaq definittivament il-proċedura ta' invalidità.
- 35 L-EUIPO jsostni li l-uniku għan tad-deċiżjoni kkontestata huwa t-tneħħija tar-rikorrent mill-pożizzjoni u mhux l-għeluq tal-proċedura ta' invalidità, li ma għadx għandha skop wara din it-tneħħija. B'hekk, peress li l-proċedura ta' invalidità hija proċedura distinta mill-proċedura dixxiplinari, din ma hijiex is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata u, għalhekk, ta' dan ir-rikors għal annullament, b'tali mod li kull ilment indirizzat kontra l-proċedura ta' invalidità għandu jiġi miċħud b'hal inammissibbli. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-ewwel motiv, ibbażat fuq l-illegalità tas-sospensjoni tal-proċedura ta' invalidità, kif ukoll tal-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tat-terminu raġonevoli tal-proċedura dixxiplinari.
- 36 B'mod iktar partikolari, skont l-EUIPO, l-ewwel, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li s-sempliċi silenzju ta' istituzzjoni ma jistax jiġi ekwiparat ma' deċiżjoni, minbarra l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet espliċiti li jstabbilixxu terminu li fl-iskadenza tiegħu tali deċiżjoni titqies li seħħet mill-istituzzjoni mitluba biex tiegħu pożizzjoni u li jiddefinixxu l-kontenut ta' din id-deċiżjoni, li ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li ebda test ta' liġi ma jipprevedi li deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni tinkludi impliċitament deċiżjoni li tagħlaq proċedura ta' invalidità sospiża *a priori* mingħajr ma tittieħed azzjoni ulterjuri.
- 37 It-tieni nett, l-EUIPO indika, waqt is-seduta, li r-rikorrent kellu eventwalment jikkontesta l-ittra tat-16 ta' Frar 2018, li permezz tagħha l-Awtorità tal-Ħatra ddikjarat li kienet ser tiftaħ investigazzjoni amministrattiva sabiex tikkompleta l-fatti stabbiliti mill-OLAF. Fil-fatt, peress li din l-investigazzjoni seħħet wara dik tal-OLAF u setgħet twassal għal proċeduri dixxiplinari, fl-imsemmija ittra kien impliċitu li s-sospensjoni tal-proċedura ta' invalidità kienet ser tinżamm mhux biss matul l-imsemmija investigazzjoni iżda wkoll matul il-proċedura dixxiplinari sussegwenti.
- 38 It-tielet, skont l-EUIPO, anki jekk jitqies li r-rikorrent ressaq talba lill-amministrazzjoni, flimkien mal-ilment tal-14 ta' Ġunju 2019, fis-sens tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex titkompla l-proċedura ta' invalidità u li għaliha din ma rrispondietx, din it-talba tkun inammissibbli, minħabba li, minn naħa, fil-mument tat-tressiq tagħha, ir-rikorrent ma kienx għadu uffiċjal u, min-naħa l-oħra, din tressqet barra minn terminu raġonevoli meta mqabbel mad-data li fiha l-investigazzjoni tal-OLAF kienet ingħalqet, jiġifieri f'Novembru 2017. Barra minn hekk, anki li kieku l-imsemmija talba tkun ammissibbli, ir-rifjut tal-amministrazzjoni fid-deċiżjoni ta' każha tal-ilment ma jistax jiġi kkontestat fil-kuntest ta' din il-kawża peress li r-rikorrent ma ressaqx ilment kontra din iċ-każha impliċita, b'tali mod li din saret definittiva.
- 39 Ir-rikorrent jikkontesta dawn l-argumenti. Qabel kollox huwa jsostni li, kif jirriżulta min-nota interna tas-26 ta' April 2019, il-proċedura ta' invalidità ngħalqet fl-istess żmien tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Sussegwentement, peress li l-għeluq definittiv tal-proċedura ta'

invalidità huwa materjalment nieqes minn karattru awtonomu meta mqabbel mad-deċiżjoni kkontestata li toriġina minnha, hija din id-deċiżjoni li tistabbilixxi direttament u definittivament is-sitwazzjoni tagħha wkoll f'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' invalidità. Għaldaqstant, din id-deċiżjoni tikkawżalu preġudizzju inkwantu tneħħija mill-pożizzjoni, teskludih definittivament mill-proċedura ta' invalidità u ċċaħħdu minn kull remunerazzjoni jew allowance. Fil-fehma tar-rikorrent, dan huwa għalhekk, essenzjalment, att mogħni b'portata deċiżjonali multipla. Finalment, dan tal-aħħar jippreċiża li, minn naħa, anki rifjut li tiġi adottata deċiżjoni jista' jikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju u, min-naħa l-oħra, tali sitwazzjoni tixbah lil dawk li jaqgħu taħt il-kontenzjuż fil-qasam tal-promozzjoni. Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument imqajjem waqt is-seduta, ir-rikorrent itenni li huwa ma setax jikkontesta l-ittra tas-16 ta' Frar 2018 peress li din l-ittra kienet biss miżura intermedja.

- 40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali għandha tivverifika jekk, kif isostni r-rikorrent, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, l-EUIPO ħax ukoll pożizzjoni fuq il-proċedura ta' invalidità.
- 41 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, att li jikkawża preġudizzju huwa dak li jipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tiegħu, fejn tali att għandu jgħodgħ mill-awtorità kompetenti u għandu jinkludi teħid ta' pożizzjoni definittiva mill-amministrazzjoni (ara d-digriet tal-20 ta' Diċembru 2019, ZU vs SEAE, T-154/19, mhux ippubblikat, EU:T:2019:901, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dawn l-effetti għandhom jiġu evalwati skont kriterji oġġettivi bħall-kontenut ta' dan l-att, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar, kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni awtriċi (ara d-digriet tat-13 ta' Mejju 2020, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, T-308/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:207, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 42 Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala att li jikkawża preġudizzju ma tiddependix mill-forma jew mit-titolu tagħha, iżda hija ddeterminata mis-sustanza tagħha u b'mod partikolari mill-punt dwar jekk tipproduċix effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrent, billi tiddel, b'mod sinjifikattiv, is-sitwazzjoni legali tiegħu (ara d-digriet tas-17 ta' Diċembru 2019, AG vs Europol, T-756/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:867, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 43 Fl-ewwel lok, l-EUIPO ddikjara, kemm matul il-fażi prekontenzjuża kif ukoll dik kontenzjuża, li l-proċedura ta' invalidità kienet saret mingħajr skop minħabba d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, kif wara kollox tixhed in-nota interna tas-26 ta' April 2019. B'mod partikolari, fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, l-Awtorità tal-Ħatra kkunsidrat, essenzjalment, li, sa fejn ir-rikorrent ma kienx iżjed fis-servizz tal-Unjoni Ewropea, huwa ma kellux dritt jitlob il-ftuħ ta' proċedura ta' invalidità. Fil-fatt, peress li temm il-funzjonijiet tiegħu, ma kienx għad hemm lok li tinfetaħ tali proċedura sabiex jiġi eżaminat jekk kellux il-kapaċità li jeżerċita tali funzjonijiet jew le.
- 44 Issa, il-fatt li jiġi ddikjarat li deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni ċċaħħad il-proċedura ta' invalidità mill-għan tagħha jikkostitwixxi teħid ta' pożizzjoni definittiva fir-rigward tal-eżitu tagħha.
- 45 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat, kif isostni għustament ir-rikorrent, li l-ittra tas-16 ta' Frar 2018 kienet sempliċi miżura intermedja li ma kinitx tinkludi b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-proċedura ta' invalidità. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, meta jkun hemm atti jew deċiżjonijiet li l-elaborazzjoni tagħhom issir fuq numru ta' fażijiet, b'mod partikolari wara li jkun hemm proċedura interna, bħala prinċipju huma biss

il-miżuri li jiffissaw b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura li jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali (ara d-digriet tat-13 ta' Mejju 2020, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, T-308/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:207, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 46 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija ittra kienet tispeċifika b'mod ċar li l-OLAF ma kellux l-obbligu li jiddeċiedi dwar fatti ta' oriġini medika u li, għaldaqstant, il-parti tal-investigazzjoni dwar dan l-aspett tista' tingħalaq biss wara li jkun twettaq eżami mediku xieraq. Barra minn hekk, mill-punt 54 tal-minuti tas-seduta quddiem il-Bord Dixxiplinari jirriżulta wkoll li l-Awtorità tal-Ħatra stess iddikjarat li kull deċiżjoni medika li tikkonċerna lir-rikorrent kellha tittieħed minn tobbja, wara eżami mediku u proċedura xierqa, li jagħti x'jifhem li l-EUIPO ma kienx eskluda l-possibbiltà li r-rikorrent jiġi ssuġġettat għal eżami mediku ieħor sabiex jiġi vverifikat jekk il-patoloġija li minnha huwa allega li jsofri kinitx preżenti jew le. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jitqies li l-messaġġ elettroniku tas-16 ta' Frar 2018 kien jikkostitwixxi biss miżura intermedja marbuta mal-proċedura ta' invalidità.
- 47 Barra minn hekk, għandu jiġi miċħud l-argument tal-EUIPO li l-ilment tar-rikorrent tal-14 ta' Ġunju 2019 kien jinkludi talba fformulata fuq il-bażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, intiża sabiex titkompla l-proċedura ta' invalidità, talba li l-EUIPO impliċitament ċaħad u li r-rikorrent ma kkontestax b'mod regolari. Fil-fatt, kif ikkonferma r-rikorrent fir-replika u waqt is-seduta, l-argument tiegħu f'dan ir-rigward kien intiż biss sabiex jikkontesta l-għeluq tal-proċedura ta' invalidità diġà deċiża fid-deċiżjoni kkontestata.
- 48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti u b'mod partikolari mill-kuntest, kif espost iktar 'il fuq, li fih ġiet adottata d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, jirriżulta li din tinkludi teħid ta' pożizzjoni definittiva tal-amministrazzjoni fuq il-proċedura dixxiplinari u, impliċitament, iżda ċertament, fuq il-proċedura ta' invalidità. Sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kienet is-suġġett ta' lment preliminari dwar dawn iż-żewġ aspetti, ir-rikors għandu jiġi ddikjarat ammissibbli wkoll sa fejn jirrigwarda l-għeluq definittiv tal-proċedura ta' invalidità.

Fuq il-fondatezza tar-rikors

- 49 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, essenzjalment, fuq l-illegalità tal-għeluq tal-proċedura ta' invalidità, it-tieni wieħed, fuq l-irregolarità tal-proċedura dixxiplinari, u, it-tielet wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq l-illegalità tal-għeluq tal-proċedura ta' invalidità

[omissis]

- 63 Il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-ewwel motiv huwa essenzjalment maqsum f'żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura u, it-tieni waħda, fuq użu ħażin ta' poter.

– Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura

- 64 Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrent jallega li minn meta l-proċedura ta' invalidità ġiet sospiża din qatt ma tkomplet jew inbdiet mill-ġdid, kif ukoll li l-għeluq definittiv tagħha, fil-mument tat-tneħħija tiegħu mill-pożizzjoni, huwa differenti mis-sospensjoni sempliċi li għaliha kienet impenjat ruħha l-amministrazzjoni. F'dan ir-rigward, skont ir-rikorrent, l-affermazzjoni tal-EUIPO li l-proċeduri dixxiplinari u ta' invalidità huma distinti waħda mill-oħra u mingħajr influwenzi reċiproċi ma hijiex rilevanti u ma tippermettix li tiġi ġġustifikata l-interruzzjoni pura u sempliċi tal-proċedura ta' invalidità. Issa, minħabba l-għeluq definittiv tal-proċedura ta' rtirar minħabba invalidità, ir-rikorrent illum jinsab mingħajr dħul minimu għall-għajxien u mingħajr pensjoni. Għalhekk, billi ċaħħditu mill-proċedura ta' invalidità, l-amministrazzjoni manifestament ma aġixxietx fl-osservanza tad-dmir ta' premura, ta' assistenza u ta' amministrazzjoni tajba.
- 65 Qabel kollox, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-EUIPO, hemm lok li jiġi miċħud l-ilment imqajjem mir-rikorrent dwar l-eżistenza ta' nuqqas amministrattiv, sa fejn dan l-argument ma huwiex issostanzjat biżżejjed, peress li dan sempliċement jafferma l-eżistenza ta' tali nuqqas, fil-punt 67 tar-rikors, mingħajr ebda argument insostenn.
- 66 Fir-rigward tad-dmir ta' premura, għandu jtifakkur li, skont il-ġurisprudenza, dan jirrifletti l-bilanċ tad-drittijiet u tal-obbligi reċiproċi fir-relazzjonijiet bejn l-awtorità pubblika u l-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku. Dan il-bilanċ jimplika, b'mod partikolari, li, meta tiddeċiedi dwar sitwazzjoni ta' uffiċjal, l-awtorità għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha li jistgħu jiddeterminaw id-deċiżjoni tagħha, u, meta tagħmel dan, hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-interess tas-servizz iżda wkoll dak tal-uffiċjal ikkonċernat. Dan l-aħħar obbligu huwa impost fuq l-amministrazzjoni wkoll mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, *Palo vs Il-Kummissjoni*, T-432/18, EU:T:2019:749, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 67 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-obbligi li jirriżultaw għall-amministrazzjoni mid-dmir ta' premura huma sostanzjalment imsaħħa meta tkun inkwistjoni s-sitwazzjoni ta' uffiċjal li fir-rigward tiegħu jirriżulta li s-saħħa, fiżika jew mentali, hija jew tista' tiġi affettwata. Taħt l-istess ipoteżi, l-amministrazzjoni għandha teżamina t-talbiet tiegħu fi spirtu partikolari ta' ftuħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2021, *GW vs Il-Qorti tal-Awdituri*, T-709/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:389, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 68 Madankollu, għalkemm huwa konċepibbli li d-dmir ta' premura jista' eventwalment, f'ċerti ċirkustanzi, iwassal lill-Awtorità tal-Ħatra biex tnaqqas, jew anki tneħħi, is-sanzjoni prevista, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-uffiċjal, fosthom l-istat ta' saħħa tiegħu, min-naħa l-oħra ma jistax iċaħħadha mill-possibbiltà li timponi sanzjoni, anki s-sanzjoni kbira ta' tneħħija minn pożizzjoni, f'każ fejn il-fatti jkunu ta' gravità eċċezzjonali u ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament, u lanqas prinċipalment, lill-istat ta' saħħa tal-uffiċjal ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, *Y vs Il-Parlament*, T-144/96, EU:T:1998:173, punt 50).
- 69 Finalment, għandu jiġi rrilevat li ebda dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal ma tipprevedi li deċiżjoni ta' waqfien definittiv mill-funzjonijiet, bħal tneħħija minn pożizzjoni, tirrendi mingħajr skop proċedura ta' invalidità mibdija meta l-uffiċjal kien għadu fis-servizz. F'dan ir-rigward,

- il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li x-xoljiment tal-kuntratt ta' reklutaġġ ta' membru tal-persunal temporanju ma jistax jippreġudika t-twettiq tal-ħidma tal-Kumitat tal-Invalidità u l-eventwali rikonoxximent, għalih, tal-invalidità li seħħet qabel ix-xoljiment u lanqas ma jista' jaffettwa d-drittijiet tal-membri tal-persunal ikkonċernat fi tmiem il-proċedura relatata miegħu (sentenza tad-19 ta' Ġunju 1992, V. vs Il-Parlament, C-18/91 P, EU:C:1992:269, punt 40).
- 70 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-proċedura ta' invalidità ġiet sospiża matul l-iżvolġiment tal-investigazzjoni tal-OLAF u ma tkompletatx iktar tard, u li l-EUIPO qies li l-proċedura ta' invalidità kienet saret mingħajr skop minħabba d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, b'tali mod li ma kienx iktar possibbli li titkompla wara t-tneħħija tar-rikorrent mill-pożizzjoni.
- 71 Issa, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 69 iktar 'il fuq, ebda dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal ma tipprovdi li, meta proċedura ta' invalidità, mibdija meta r-rikorrent kien għadu fis-servizz, tkun ġiet sospiża mill-istituzzjoni, din ma tkunx tista' titkompla meta l-persuna kkonċernata tkun temmet il-funzjonijiet tagħha wara deċiżjoni ta' tneħħija.
- 72 Sussegwentement, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 53 tas-sentenza [*kunfidenzjali*], li, għalkemm l-EUIPO ma kellu ebda obbligu li jissottoskrivi ruħu awtomatikament mal-konklużjonijiet ifformulati mill-Kumitat tal-Invalidità, is-setgħa diskrezzjonali li huwa għandu fir-rigward tal-eżitu li għandu jingħata lill-opinjoni tal-Kumitat tal-Invalidità ma tistax tippermettli jirrifjuta b'mod indefinit, u mingħajr motivazzjoni, li jadotta deċiżjoni fuq il-bażi tal-opinjoni tal-imsemmi kumitat.
- 73 Għalhekk, l-amministrazzjoni ma għandhiex raġun tippretendi li t-tkomplija tal-proċedura ta' invalidità, mibdija meta r-rikorrent kien fil-kariga, ma setgħetx titkompla fid-dawl tal-fatt li dan issa kien ser jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, billi għalaq definittivament il-proċedura ta' invalidità mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni l-interess tar-rikorrent fir-rigward tat-tkomplija tal-imsemmija proċedura, l-EUIPO naqas mid-dmir tiegħu ta' premura u kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 66 iktar 'il fuq, meta tiddeċiedi dwar sitwazzjoni ta' uffiċjal, l-awtorità għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha li jistgħu jiddeterminaw id-deċiżjoni tagħha u, meta tagħmel dan, hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-interess tas-servizz iżda wkoll dak tal-uffiċjal ikkonċernat. Għalhekk, matul il-proċedura ta' invalidità, l-amministrazzjoni kellha tiegħu inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' proċedura dixxiplinari li l-eżitu tagħha seta' potenzjalment iwassal għat-tneħħija tar-rikorrent mill-pożizzjoni, u, billi tiegħu inkunsiderazzjoni l-interess ta' dan tal-aħħar, jew tagħlaq il-proċedura ta' invalidità qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, jew tippermetti t-tkomplija ulterjuri tagħha.
- 74 Finalment, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni stess kellu l-intenzjoni, fil-kuntest tal-Artikolu 9 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, jagħti lill-uffiċjali jew lill-ex uffiċjali li ma jkunux jistgħu jaħdmu iktar, minħabba l-età tagħhom jew l-istat ta' saħħa tagħhom, l-assigurazzjoni li jirċievu, anki fil-każ ta' sanzjoni dixxiplinari l-iktar gravi, jiġifieri t-tneħħija minn pożizzjoni, tal-inqas il-minimu għall-għajxien.
- 75 Din il-konklużjoni li l-EUIPO naqas mid-dmir tiegħu ta' premura u kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma hijiex imqiegħda inkwistjoni mill-argument tiegħu li r-rikorrent kellu jressaq talba lill-amministrazzjoni, f'terminu raġonevoli, sabiex terġa' titkompla l-proċedura ta' invalidità. Minn naħa, kif jirriżulta wkoll mill-punt 53 tas-sentenza [*kunfidenzjali*], tali inizjattiva kellha toriġina mill-istituzzjoni u mhux mir-rikorrent.

- 76 Min-naħa l-oħra, mill-istruttura ġenerali tal-Artikolu 59(4) tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li, meta tkun l-Awtorità tal-Ħatra li tibda l-proċedura ta' invalidità, billi tressaq quddiem il-Kumitat tal-Invalidità l-każ tal-uffiċjal li l-leave tal-mard akkumulat tiegħu jeċċedi tnax-il xahar matul perijodu ta' tliet snin, hija għandha, iktar u iktar, tkompli proċedura sospiża u tagħlaqha.
- 77 Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li tintlaqa' l-ewwel parti ta' dan il-motiv u, konsegwentement, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni parti, ibbażata fuq użu ħażin ta' poter, li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tagħlaq definittivament il-proċedura ta' invalidità.

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Id-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Marzu 2019 hija annullata sa fejn din tagħlaq definittivament il-proċedura ta' invalidità ta' IB.**
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.**
- 3) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Kanninen

Póltorak

Stancu

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ottubru 2021.

Firem